**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** minn JOSEPH SERRACINO

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (8)

Fl-intervista tal-ġimgħa l-oħra ltqajna ma' Ġużeppi Formosa (In-Niger) u tkellimna miegħu dwar tfulitu, dwar il-provi fil-kanal u t-tiġrijiet tad-dgħajjes bejn iż-żewġ Gwerer Dinjija. Illum inkomplu nisiltu siltiet oħra interessanti ta' din l-intervista…

*Xi anzjani qaluli li t-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra kienu eċċitanti ħafna … imma possibbli, aktar mit-tiġrijiet li nsegwi fi żmienna?*

"… ħafna aktar …kienu isbaħ għax kienu akkaniti, u kienu aktar eċċitanti għax kienet teżisti pika ħarxa fost il-barklori li kien jieħdu sehem f'dawn it-tiġrijiet bħala qaddiefa… jiddispjaċini li ħafna minnkom qatt ma rajtu Ferilli u wisq aktar Kajjikk Twil tat-Tiġrija - dawn il-Kajjikki kien sbieħ u ħfief ħafna - aħna konna nsejħulhom 'Fancy'.

"Fil-fatt, id-dgħajsa tal-Midalji ukoll tissejjaħ 'Fancy' għax hi mibnija minn injam irqiq bħal tal-Kajjikki t-Twal. Meta kont żagħżugħ jien bdejt naqdef fil-Kajjikki t-Twal! Kont ilni naqdef madwar ħames snin meta wieħed mill-ekwipaġġi tal-Ferilli kellu xi jgħid ma' sħabu u minfloku għażlu lili biex nieħu postu.

"Niftakar li l-Isla u l-Marsamxett kienu ppikati ħafna f'din il-korsa, u kif diġá għedtlek kien jinqala' ħafna għlied fiha. Marsamxett kienu jarmaw tliet Ferilli bl-aqwa qaddiefa li kellhom, u tnejn oħra biex jidħlu fuqna jekk jinzertaw polza maġenbna.

"Barra minn hekk, il-kanal fi żmieni kien ikun magħluq fuq iż-żewġ naħat, u meta waħda mill-Ferilli tagħna kien jirnexxielha taqbeż fuq quddiem, il-partitarji Beltin kienu jitfgħulna xita ta' fliexken, posti tad-dgħajjes u saħansitra anke mqadef fil-baħar. Iżda minkejja dan kollu, din il-korsa kienet sabiħa ferm, u trid tkun qaddief b'saħħtek ħafna biex iġġerri fiha …"

*L-ekwipaġġi tad-dgħajjes tagħkom kienu jinbidlu ta' spiss?*

"… meta kont għadni tifel u kont ninżel ma' missieri nsegwi dawn it-tiġrijiet, niftakar li l-ekwipaġġi tad-dgħajjes kienu jkunu ffurmati mill-istess qaddiefa ... biex tifhimni tajjeb, il-qaddiefa li kienu jaqdfu fid-dgħajjes tal-Midalji, li fil-fatt ma kinux bħad-dgħajjes tal-Midalji li naraw illum fit-tiġrija, iżda dgħajjes tax-xogħol eħfef, u dawk ta' bl-Erbgħa u ta' bi Tnejn kienu jibqgħu l-istess minn sena għall-oħra.

"Bħalissa qed niftakar f'diversi qaddiefa ta' żmieni bħal Ġanni Caruana u kuġinuh Karmenu tal-Vopa, Pawlu Galea tal-Mammalokk, Salvu Farmosa l-Pa Salv, Xandru Chircop u ħuh Pawlu tal-Isnoppijiet, Karmnu Zerafa (iż-żgħir), Ġelardu Costa (il-Qastni), Toni Scicluna (ta' Laħlaħ), Patist (Ix-Xaħam) u magħhom ħafna oħrajn li bħalissa insejt isimhom iżda 'l quddiem niftakarhom ukoll.

"Dawn baqgħu jaqdfu għal ħafna snin, waqt li l-qaddiefa tal-Ferilli fejn kont naqdef jien, u dawk tal-Kajjikki t-twal kienu jinbiddlu tista' tgħid kull sena. Biex ikun għedtlek kollox, Ferilli u Kajjikki kellna ħafna, u f'kull tiġrija konna nieħdu sehem b'aktar minn opra waħda. L-ekwipaġġi tal-Kajjikki u l-Ferilli kienu jinbidlu spiss għaliex ħafna drabi l-qaddiefa kienu jkollhom xi jgħidu, u għalhekk kull sena konna naraw uċuħ ġodda jaqdfu fihom.

"Mhux hekk biss, meta kien jonqos xi qaddief mill-opri l-kbar, tal-Midalji, ta' bl-Erbgħa jew ta' bi Tnejn, l-għażla kienet taqa' fuq l-aħjar qaddief mill-Kajjikki 'Fancy' jew mill-Ferilli.

"Jien għedtlek li ħadt sehem fil-Ferilli, iżda qdift ukoll fil-Kajjikki t-Twal kif ukoll f'ta bl-Erbgħa. Qed insemmi ta' bl-Erbgħa, din kienet akkanita ħafna, u aħna konna nieħdu sehem bi tliet dgħajjes waqt li f'ta' Bi Tnejn u f'tal-Midalji konna nibagħtu żewġ dgħajjes ukoll – f'din il-korsa aħna konna armati tajjeb ħafna …"

*Semmejna l-korsa tal-Ferilli, mir-riżultati jidher li Marsamxett kienu aħjar minnkom:*

"… veru li Marsamxett kellhom rebħ aktar minna f'din il-korsa, iżda jien naċċertak li aħna konna tajbin daqshom u konna nisfidawhom kull sena f'din il-korsa. Minħabba l-glied li kien jinqala' fiha u minħabba li



Id-Dgħajsa ta' bl-Erbgħa 'Carlo' tal-Birgu bl-ekwipaġġ tagħha fil-qalba tas-Seklu 20

l-pulizija kienet qisha seqer fuqna, meta aħna konna naslu qrib il-Ponta u naraw li Marsamxett ikunu ħadu vantaġġ fuqna konna nieqfu u niġbdu lejn il-ponta, iżda meta konna nkunu ras imb'ras magħhom, allura dik storja oħra - konna nibqgħu magħhom sal-aħħar għax konna nafu li sħabna kienu se jieħdu ħsiebna.

"Għedtlek kien jinqala' ħafna ġlied, jien mhux l-ewwel darba spiċċajt b'rasi maqsuma b'xi daqqa ta' njama. Meta wara armajna bil-Ferilli 'Fancy', il-Beltin ma ridux jaqdfu magħna u bdew jipprotestaw mal-Kollettur tad-Dwana li kien jorganizza r-Regatta u qam ħafna nkwiet.

"Wara perjodu ta' ftehim, Marsamxett sa nofs is-snin għoxrinijiet bdew jarmaw għalina b'Ferilli eħfef minn dawk tax-xogħol, u l-glied aktar kompla jiħrax bejnietna. Minħabba hekk il-Kollettur tad-Dwana introduċa żewġ koros tal-Ferilli, waħda għalina u l-oħra għal Marsamxett.

"In-nuqqas ta' din il-korsa ħassejniha ħafna għax kienet għal qalbna, iżda d-deċiżjoni tal-kollettur kienet deċiżjoni finali. Aħna bħala distrett ma konna nibżgħu minn ħadd - konna nisfidaw lid-distretti l-oħra f'kull korsa għax kellha ekwipaġġi tajbin u magħżulin minn fost għadd kbir ta' barklori. L-opri kollha li kienu jġerru bihom kienu mibnijin mill-bennejja Sengleani li fi tfuliti kellhom l-imħażen tagħhom il-Ponta…

*It-tiġrijiet tal-Kajjikki t-twal u tal-Ferilli saru wara l-gwerra?*

"… tal-Ferilli saru, iżda din il-korsa mietet mewta naturali għax tilfet il-popolaritá tagħha fost id-dilettanti li ta' kull sena kienu jinżlu bi ħġarhom isegwu dawn it-tiġrijiet fix-xtut il-Belt, mill-ponta u l-Gardjola ta' l-Isla.

"Tal-Kajjiki t-Twal ma saret qatt! Ħasra li t-tiġrijiet ta' dawn iż-żewġ opri sbieħ ma baqgħux isiru fir-Regatta … Ferilli tax-Xogħol għad fadal kemm f'Marsaxlokk kif ukoll f'Għawdex, waqt li Kajjikki Twal spiċċaw għal kollox, iżda jekk il-bennejja tad-dgħajjes iridu jagħtu l-ħajja mill-ġdid lil din l-opra sabiħa jistgħu jibnuhom għax jafu l-qisien tagħhom …"

*Meta staqsejtu jekk kienx jinqala' inkwiet fost il-qaddiefa tal-lokal u dwar il-pika fost id-distretti, weġibni hekk:*

"… iva, aħna kellna l-inkwiet tagħna bħalma kellhom id-distretti l-oħra u ngħidlek għaliex … wara l-għażla tal-ekwipaġġi, kienu jintgħażlu wkoll id-dgħajjes - dejjem l-aħjar dgħajjes tal-Ponta.

"Wieħed mill-argumenti li normalment kien jinqala' ta' spiss kien, li s-sid id-dgħajsa jibda jinsisti li t-tifel tiegħu jaqdef fid-dgħajsa tiegħu. Hawnhekk l-ekwipaġġ ma jaċċettax u jhedded li jisfratta d-dgħajsa.

"Kellna każi fejn sid id-dgħajsa jitlob li jsellfuh dgħajsa biex ikompli b'xogħlu waqt il-provi, jew inkella jitlob assigurazzjoni li jekk id-dgħajsa tiegħu ġġarrab xi ħsara waqt it-tiġrija huma jieħdu ħsieb li jsewwuha.

"Ġieli kien hemm barklori li ma kinux jaċċettaw mill-ewwel li d-dgħajsa tagħhom iġġerri fit-tiġrija, imbagħad wara ftit jiem ibiddlu fehmthom minħabba xi vendikazzjoni …

*Semmejtli l-pika li kienet teżisti fost id-distretti fi żmienek … taħseb li din il-pika għadha ħajja fost il-qaddiefa tagħna?*

"… il-pika kienet, għadha teżisti u tibqa' dejjem sakemm tibqa' ssir ir-Regatta … int qatt osservajt kemm it-tfal tal-Isla jagħmlu għaliha r-Regatta - kemm briju u kemm itellgħu murtali u jagħtu biċċiet ta' musketterija minn wara t-trunċieri … x'reazzjoni jagħmlu meta jaraw l-opri tad-distretti l-oħra deħlin fil-kanal b'mod speċjali dawk ta' Bormla u l-Birgu?

"Iż-żgħażagħ tal-lum ma jafux x'kien isir fiż- żmieni … din ir-rivalitá ntirtet mill-missier għall-iben u baqgħet ħajja sal-lum. Aħna nafu x'jagħmlu llum għax għadna hawn, iżda aħna ma nafux x'kienu jagħmlu ta' qabilna li t-tiġrijiet ta' żmienuhom kienu aktar akkaniti minn ta' żmieni, u bil-bosta aktar minn dawn tal-lum.

"Id-differenza bejnietna hi, li fiż-żmieni l-qaddiefa kienu jissieltu bl-aħrax sal-aħħar qalfa għall-palju u jikkuntentaw bil-premju tal-flus ... illum jissieltu għal-palju għax jafu li miegħu hemm tistenniehom somma flus oħra …

*ikompli f'ħarġa oħra*